



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0051/2012**

8.3.2012

# RAPPORT

dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej  
(2011/2181(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sebastian Valentin Bodu

Rapporteur għal opinjoni (\*):

Ashley Fox, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	9
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	14
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .....	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR .....	23
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	27

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej (2011/2181(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 dwar il-Qafas ta' Governanza Korporattiva tal-UE (COM(2011)0164),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar kwistjonijiet deontoloġiċi marbuta mal-ġestjoni tal-kumpaniji,<sup>1</sup>
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0051/2012),

#### *Approċċ ġenerali*

1. Jilqa' r-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-qafas ta' governanza korporattiva tal-UE li nbdiet bil-Green Paper;
2. Jiddispijaci, madankollu, li kwistjonijiet importanti ta' governanza korporattiva bħat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-bord, ir-responsabbiltà tad-diretturi, l-indipendenza tad-diretturi, il-kunflitti ta' interess jew l-involvement tal-partijiet interessati tħallew barra mill-Green Paper;
3. Jiddispijaci li l-attenzjoni prinċipali tal-Green Paper kienet fuq is-sistema unitarja u twarrbet is-sistema doppja, li hi ugwalment rappreżentata b'mod estensiv fl-Ewropa; jenfasizza li r-reviżjoni tal-qafas ta' governanza korporattiva mill-Kummissjoni għandha tikkunsidra d-drittijiet u d-dmirijiet mogħtija lill-entitajiet varji tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali, u b'mod partikolari d-differenzi bejn sistemi unitarji u sistemi doppji; minn hawn 'il quddiem essenzjalment se jintuża t-terminu 'bord tad-diretturi' biex jirreferi għar-rwol superviżorju ta' diretturi, li, fi struttura doppja, ġeneralment ikun f'idejn il-bord superviżorju;
4. Jissottolinja l-importanza li jinħoloq settur korporattiv fl-UE li jkun aktar trasparenti, stabbli, affidabbli u responsabbli, b'governanza korporattiva mtejbja; iqis li s-settur korporattiv għandu jkun kapaċi jikkunsidra tħassib soċjali, etiku u ambjentali fil-prattiki tiegħu u juri r-responsabbiltajiet tiegħu kemm lejn l-impjegati u l-azzjonisti kif ukoll lejn is-soċjetà kollha, u barra minn hekk jiżgura prestazzjoni ekonomika aħjar u l-ħolqien ta' impjegi diċenti;
5. Huwa tal-fehma, madankollu, li governanza tajba waħidha ma tistax tevita t-teħid ta' riskji

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0165.

eċċessivi; jitlob għalhekk li jsir awditjar indipendenti u li jkun hemm regoli flessibbli li jirrispettaw il-kulturi korporattivi differenti fl-UE;

6. Jiddikjara li huwa prerekwiżit li kumpanija mmexxija sew għandha tkun responsabbli u trasparenti lejn l-impjegati tagħha, l-azzjonisti u, fejn xieraq, lejn partijiet interessati oħra;
7. Iqis li għandha titħeġġeġ aktar id-definizzjoni ta' governanza korporattiva tal-OECD tal-2004, li skont din, governanza korporattiva tinvolvi l-ġabra sħiħa ta' relazzjonijiet bejn it-tmexxija tal-kumpanija, il-bord tagħha, l-azzjonisti tagħha u partijiet interessati oħra;
8. Iqis, li fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, jistgħu jittieħdu lezzjonijiet mill-fallimenti prinċipali fid-dinja kummerċjali;
9. Jenfasizza, f'dan is-sens, li għandha tingħata attenzjoni lir-rwol importanti li d-diversi kumitati (il-kumitati tal-awditjar u, sakemm dawn jeżistu fl-Istati Membri, kumitati ta' rimunerazzjoni u ta' nomina) għandhom fil-governanza tajba ta' kumpanija, u jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rwol tagħhom.
10. Jemmen li ġabra bażika ta' miżuri dwar il-governanza korporattiva tal-UE għandha tapplika għall-kumpaniji elenkati kollha; jinnota li dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonali mad-daqs, il-kumplessità u t-tip ta' kumpanija;
11. Iqis li l-inizjattivi dwar il-governanza korporattiva għandhom jimxu id f'id mal-inizjattivi dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva proposti mill-Kummissjoni; huwa tal-fehma li, b'mod partikolari fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-lum, ir-responsabbiltà korporattiva soċjali tista', flimkien mal-governanza korporattiva, tgħin biex toħloq rabtiet eqreb bejn il-kumpaniji u l-ambjent soċjali li fih jikbru u jaħdmu;
12. Jenfasizza li l-inizjattiva ta' Fair Play Finanzjarju hi eżempju ta' governanza korporattiva tajba fl-isport; jistieden setturi oħra kif ukoll lill-awtoritajiet pubbliċi biex ikomplu jesploraw dawn il-miżuri bil-għan li jimplimentaw uħud mill-prinċipji bażiċi tagħhom;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kull proposta leġiżlattiva li tqis dwar il-governanza korporattiva għal valutazzjoni tal-impatt, li għandha tiffoka kemm fuq l-għanijiet li jridu jinkisbu kif ukoll fuq il-ħtieġa li l-kumpaniji jibqgħu kompetittivi;

### ***Bordijiet tad-diretturi***

14. Jenfasizza li b'sistemi unitarji għandu jkun hemm demarkazzjoni ċara bejn id-dmirijiet tal-President tal-Bord tad-Diretturi u tal-Kap Eżekuttiv; jinnota, madanakollu, li din ir-regola m'għandhiex tkun proporzjonali mad-daqs u l-pekuljaritajiet tal-kumpanija;
15. Jenfasizza li fil-bordijiet għandu jkun hemm individwi indipendenti b'taħlita ta' kompetenzi, esperjenzi u oqsma li ġejjin minnhom, li dan l-aspett tal-kompożizzjoni tagħhom għandu jiġi adattat għall-kumplessità tal-attivitajiet tal-kumpanija u li hija r-responsabbiltà tal-azzjonisti li jiżguraw il-bilanċ xieraq ta' kompetenzi fil-bord;
16. Huwa tal-fehma li l-politiki ta' reklutaġġ, fejn qed jiġu użati, għandhom ikunu speċifiċi u

li għandhom ikunu suġġetti għal sistema ta' konformità jew spjegazzjoni; jenfasizza li l-abbozzar u l-approvazzjoni tad-dokumenti ta' politika ta' dan it-tip hu esklussivament kompetenza tal-azzjonisti;

17. Jistieden lill-kumpaniji sabiex jimplementaw metodi trasparenti u ta' meritokrazija fil-qasam tar-riżorsi umani u sabiex jiżviluppaw u jippromwovu b'mod effiċjenti t-talenti u l-ħiliet tal-irġiel u tan-nisa; jenfasizza li l-kumpaniji għandhom jiżguraw trattament ugwali kif ukoll opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fuq ix-xogħol u li jikkontribwixxu għall-bilanċ xieraq bejn il-ħajja privata u tax-xogħol applikabbli kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa;
18. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm ġabra wiesgħa u diversa ta' ħiliet u kompetenzi rappreżentati fil-bord tal-kumpanija; ifakkar li meta tirriduċi individwi biex ikunu sempliċiment rappreżentanti ta' grupp speċifiku, bħal pereżempju s-sess, l-età jew l-etniċità, ma tippromwovix l-interessi ta' dawk l-individwi;
19. Jenfasizza li d-diretturi għandhom jiddedikaw ħin biżżejjed biex jagħmlu dmirijiethom; iqis, madanakollu, li mhux ta' min jirrakkomanda regoli li japplikaw għal kull każ; jemmen li l-Istati Membri għandhom jitħeġġu jistabbilixxu limiti għan-numru ta' bordijiet li direttur jista' jipparteċipa fihom; jirrimarka li dan jgħin biex tiżdied il-frekwenza tal-laqgħat tal-bord u titjeb il-kwalità ta' korpi ta' superviżjoni interni; jenfasizza l-importanza li l-membri tal-bord ikunu għalkollox trasparenti u miftuħa dwar l-impjenji l-oħra tagħhom;
20. Jaqbel li l-valutazzjonijiet esterni fuq bażi perjodika huma għodda utli għall-ivvalutar tal-effikaċja tal-prattiki ta' governanza korporattiva; madanakollu, hu tal-fehma li m'għandhomx ikunu obbligatorji;
21. Huwa tal-fehma li hija r-responsabbiltà tal-membri tal-bord tat-tmexxija u ta' superviżjoni li jagħmlu użu mit-taħriġ u mit-taħriġ ulterjuri meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, bl-għajjnuna mill-kumpanija, kif ikun meħtieġ;
22. Iħeġġeġ l-iżvelar tal-politika ta' rimunerazzjoni u r-rapporti annwali ta' rimunerazzjoni tal-kumpaniji, li għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-azzjonisti; jenfasizza, madankollu, li l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħmlu progress u jistabbilixxu rekwiżiti rigward l-iżvelar tar-rimunerazzjoni individwali tad-diretturi eżekuttivi u dawk mhux eżekuttivi, li jistgħu jgħinu biex iżidu t-trasparenza;
23. Jemmen li għandhom jiġu introdotti sorveljanza rigoruża u regoli ġodda sabiex ikun projbit kull abbuż marbut mas-salarji, bonusijiet u kumpens mogħtija lil uffiċjali eżekuttivi ta' kumpaniji tas-settur korporattiv finanzjarju jew mhux finanzjarju salvati mill-gvern ta' Stat Membru; iqis li għandhom jittieħdu azzjonijiet legali, meta meħtieġ, li jipproteġu kontra l-abbuż ta' fondi pubbliċi użati biex isalvaw il-kumpaniji;
24. Jitlob li jkun hemm politiki sostenibbli ta' rimunerazzjoni fit-tul, li għandhom ikunu bbażati fuq il-funzjonament fit-tul tal-individwu u l-kumpanija tiegħu;
25. Iqis li żieda fil-paga tad-diretturi għandha tkun konsistenti mal-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija tagħhom;

26. Jappoġġa l-inklużjoni ta' elementi ta' sostenibbiltà fit-tul fir-rimunerazzjoni varjabbli tal-maniġers, bħall-użu ta' persentaġġ tar-rimunerazzjoni varjabbli tagħhom li jkun dipendenti fuq il-kisba tal-miri tar-responsabbiltà korporattiva soċjali, eż. s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xoġhol u s-sodisfazzjon tal-impjegati;
27. Jinnota li l-bord huwa l-korp responsabbli għar-reviżjoni u l-approvazzjoni tal-istrateġija tal-kumpanija, li tinkludi l-approċċ tal-kumpanija lejn ir-riskju, u għandu jirrapporta dan b'mod li jagħmel sens għall-azzjonisti sakemm ikun possibbli mingħajr ma tkun żvelata informazzjoni li tista' tagħmel ħsara lill-kumpanija, pereżempju fir-rigward tal-kompetituri; iqis li r-riskji ambjentali u soċjali għandhom jiġu inklużi kemm-il darba għandhom impatt materjali fuq il-kumpanija, kif diġà meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-UE;

### *Azzjonisti*

28. Jemmen li l-parteċipazzjoni tal-azzjonisti fil-kumpanija għandha titħeġġeġ billi jissaħħaħ ir-rwol tagħhom, iżda dan l-involvement qatt m'għandu jkun obligatorju iżda għażla diskrezzjonali;
29. Madankollu, għandhom jiġu kkunsidrati miżuri li jinċentivaw l-investment fit-tul kif ukoll bħala rekwiżit għal trasparenza sħiħa fil-votazzjoni ta' kwalunkwe sehem misluf, ħlief għal każ ta' ishma anonimi; iqis li għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-imġiba tal-investituri istituzzjonali li tfittex li toħloq il-likwidità u żżomm klassifikazzjonijiet tajbin, għaliex dan jinkoraġġixxi biss il-parteċipazzjoni azzjonarja għal żmien qasir minn dawn l-investituri;
30. Jinnota li d-Direttiva tad-Drittijiet tal-Azzjonisti<sup>1</sup> tapprova l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-azzjonisti u li għaldaqstant l-azzjonisti kollha (istituzzjonali jew le) huma intitolati li jirċievu l-istess informazzjoni mill-kumpanija, irrispettivament mill-investment tagħhom;
31. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti proporzjonati dwar linji gwida fil-livell Ewropew dwar in-natura tal-informazzjoni mqasma lill-azzjonisti fir-rapporti annwali tal-kumpaniji; iqis li din l-informazzjoni għandha tkun ta' kwalità għolja u informattiva;
32. Jinnota li fis-suq hemm nuqqas ta' mira ċara fuq perjodu twil u jħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha sabiex tivvaluta jekk xi rekwiżiti, bi żvista, komplewx iqawwu l-enfasi fuq perjodu qasir; jilqa', b'mod partikolari, il-proposta tal-Kummissjoni li tabbanduna r-rekwiżit ta' rapport kull tliet xhur fid-Direttiva dwar it-Trasparenza, rekwiżit li ffit li xejn ikattar l-għarfien tal-azzjonista u sempliċiment joħloq opportunitajiet ta' kummerċ fuq perjodu qasir;
33. Jilqa' l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' tmexxija tajba ('Stewardship Codes') għal investituri istituzzjonali minn madwar l-Unjoni Ewropea; jemmen li kodiċi ta' tmexxija tajba Ewropew jista' jkun żviluppat billi jintużaw mudelli eżistenti u b'kollaborazzjoni mal-

---

<sup>1</sup> Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati.

awtoritajiet nazzjonali;

34. Jenfasizza li l-investituri istituzzjonali għandhom id-dmir fundamentali li jiproteġu l-investimenti tagħhom u li hija r-responsabbiltà tagħhom li jissorveljaw lill-maniġer tal-assi li jkunu ħatru fir-rigward ta' strateġiji, spejjeż, negozjar kif ukoll il-livell safejn dan il-maniġer tal-assi għandu jimpenja ruħu mal-kumpaniji li jsir investment fihom, u għaldaqstant hu d-dmir tagħhom li jitolbu trasparenza adegwata fil-prestazzjoni tad-dmirijiet fiduċjarji;
35. Hu tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-investituri istituzzjonali huma liberi li jfasslu l-istrutturi rilevanti ta' inċentivi fir-relazzjoni professjonali tagħhom mal-maniġers tal-assi;
36. Jinnota li l-kunflitti ta' interess, inklużi dawk potenzjali, dejjem għandhom jiġu żvelati u li azzjoni xierqa hija meħtieġa fil-livell tal-UE;
37. Jitlob lill-Kummissjoni biex temenda d-Direttiva tad-Drittijiet tal-Azzjonisti b'tali mod li tivvaluta b'liema mod il-parteċipazzjoni tal-azzjonisti tista' tissaħħaħ; iqis, f'dan ir-rigward, li r-rwol tal-votazzjoni elettronika f'laqgħat ġenerali ta' kumpaniji kkwotati sabiex tteġġeg il-parteċipazzjoni tal-azzjonisti, b'mod speċjali fir-rigward ta' azzjonisti transkonfinali, għandu jiġi analizzat mill-Kummissjoni permezz ta' valutazzjoni tal-impatt;
38. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-bżonn ta' definizzjoni ċara ta' "azzjoni kkoordinata", minħabba li n-nuqqas ta' regoli uniformi jikkostitwixxi wieħed mill-ostakoli prinċipali għall-kooperazzjoni tal-azzjonisti;
39. Jemmen li l-konsulenti delegati għandhom rwol importanti ħafna, iżda li spiss l-attivitajiet tagħhom hija suġġetta għall-kunflitti ta' interess; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura aktar regolamentazzjoni tal-konsulenti delegati, waqt li tagħti attenzjoni speċjali għat-trasparenza u għall-kwistjonijiet ta' kunflitt ta' interess; huwa tal-fehma li l-konsulenti delegati għandhom ikunu pprojbiti li jipprovdu servizzi ta' konsulenza lill-kumpaniji li jsir investment fihom;
40. Iqis li l-kumpaniji għandhom ikunu intitolati jagħżlu bejn sistema ta' ishma nominattivi jew ta' ishma anonimi; iqis li, jekk jintgħażlu l-ishma nominattivi, il-kumpaniji jkollhom id-dritt li jkunu jafu l-identità tas-sidien tagħhom u li r-rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni għall-iżvelar tal-ishma materjali għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE; iqis li dan għandu jkun mingħajr ħsara għad-dritt tas-sidien tal-ishma anonimi li ma jiżvelawx l-identità tagħhom;
41. Jinnota li, għalkemm il-ħarsien tal-azzjonisti minoritarji huwa kwistjoni li hija indirizzata mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali tal-kumpanija, azzjoni tal-Unjoni tista' tkun utli biex tippromwovi votazzjoni bi prokura;
42. Japprova l-linji gwida inklużi fid-dikjarazzjoni tal-Forum Ewropew dwar it-Tmexxija Korporattiva dwar it-tranżazzjonijiet mal-partijiet relatati għal entitajiet elenkati fl-10 ta' Marzu 2011; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE permezz ta' miżura mhux vinkolanti bħal rakkomandazzjoni;
43. Jemmen li l-kwistjoni ta' skemi ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati hija waħda li għandha

tiġi rregolata fil-livell tal-Istat Membru u taqa' taħt in-negozjati bejn l-impjegaturi u l-impjegati: il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'tali skema dejjem għandha tkun ta' natura volontarja;

***Il-qafas ta' 'konformità jew spjegazzjoni'***

44. Jemmen li s-sistema ta' 'konformità jew spjegazzjoni' hija għodda utli għall-governanza korporattiva; huwa favur l-adeżjoni obbligatorja għal kodiċi ta' governanza korporattiva nazzjonali jew Kodiċi ta' Kondotta magħżula mill-kumpanija; iqis li kull devjazzjoni mill-Kodiċi ta' Kondotta għandha tiġi spjegata b'mod li jagħmel sens u li, b'żieda għal din l-ispjegazzjoni, għandha tiġi deskritta u spjegata l-miżura alternattiva ta' governanza korporattiva meħuda;
45. Jenfasizza l-ħtieġa li jinkiseb funzjonament aħjar tar-regoli u tar-rakkomandazzjonijiet ta' governanza eżistenti kif ukoll li tinkiseb il-konformità magħhom, aktar milli jiġu imposti regoli vinkolanti ta' governanza korporattiva Ewropea;
46. Jemmen li kodiċijiet ta' prattika jistgħu jwettqu bidla fl-imġiba u li l-flessibbiltà pprovduta mill-kodiċijiet tippermetti innovazzjoni bi spunt mill-aħjar prattika minn madwar l-UE; jemmen li l-qsim tal-aħjar prattika jtejjeb il-governanza korporattiva fl-UE;

o

o o

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.



21.12.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI**

għall-Kumitat għall-Affarijjet Legali

dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej  
(2011/2181(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Ashley Fox

(\*): Proċedura ma' kumitati assoċjati - Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

### **SUĖĖRIMENTI**

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suĖĖrimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Qafas ta' Governanza Korporattiva tal-UE; jemmen li, fid-dawl tad-diversità ta' oqfsa nazzjonali eżistenti u ta' kumpaniji elenkati individwali, jeħtieġ li jiġi applikat approċċ proporzjonat u flessibbli għall-governanza korporattiva; jitlob li jiġu evitati piżijiet burokratiċi eċċessivi, filwaqt li jitqiesu l-miri ta' tkabbir ambizzjużi stabbiliti fl-Aġenda 2020 u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/46/KE;
2. Iqis li l-kumpaniji għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi (taħriġ, laqgħat ta' informazzjoni, aġġornamenti regolari, eċċ.) biex iżidu l-għarfien, il-parteciġazzjoni u r-responsabbiltà tal-azzjonisti, u jiskambjaw l-aħjar prattiki, ġaladarba dan ma jimponix piżijiet sproporzjonati fuq il-kumpaniji;
3. Jiddikjara li huwa prerekwiżit li kumpanija mmexxija sew għandha tkun responsabbli u trasparenti lejn l-impjegati tagħha, l-azzjonisti u, fejn xieraq, lejn partijiet interessati oħra;
4. Iqis, li fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, jistgħu jittieħdu tagħlimiet min-nuqqasijiet prinċipali fid-dinja kummerċjali;
5. Jappoġġja, madankollu, ċertu trażżin f'dan il-kuntest u jitlob li kull proposta tiġi vvalutata b'mod kritiku ħafna fid-dawl tal-oġġettivi li għandhom jintlaħqu u l-proporzjon bejn il-

kostijiet u l-benefiċċji ta' tali proposti;

6. Iqis, li fid-dawl tad-diversità konsiderevoli ta' kumpaniji fl-Ewropa u b'mod partikulari d-differenza bejn kumpaniji elenkati u dawk li mhumiex, 'approċċ uniku għal kulħadd' mhuwiex adegwat; jemmen f'approċċ ta' 'konformità jew spjegazzjoni', inklużi kodiċi tal-aħjar Prattika, regolament immirat ibbażat fuq il-prinċipju, u sorveljanza msaħħa fuq livell nazzjonali u dak tal-UE li jiżgura li l-informazzjoni u l-ispegazzjonijiet minn kumpaniji jkunu affidabbli u ta' kwalità għolja, biex l-iskrutinju tal-azzjonisti jitjieb; jikkunsidra li għandha tittieħed azzjoni ta' infurzar f'każ li kumpaniji jonqsu milli jagħtu raġuni għaddevjazzjoni mill-kodiċi rilevanti, u li dan in-nuqqas għandu jkun magħmul pubbliku wkoll; huwa tal-fehma li proċeduri msaħħin ta' 'konformità jew spjegazzjoni' għal kumpaniji sistematiċi għandhom jiżguraw li r-regolatur adegwat huwa sodisfatt li l-ispegazzjoni hija ċara u li tinkludi l-informazzjoni meħtieġa mill-azzjonisti sabiex ikun deċiż jekk hijiex sodisfaċenti;
7. Jenfasizza li l-Green Paper titratta biss dwar kumpaniji elenkati fil-Borża, iżda jikkunsidra li governanza tajba tista' tibbenefika wkoll lill-kumpaniji li mhumiex elenkati u jħeġġeġ lill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-kummerċ tiżviluppa gwida mhux vinkolanti għal tali kumpaniji;
8. Jinnota intant li infurzar aktar effikaċi ta' 'konformità jew spjegazzjoni' għandu jinvolvi pressjoni mill-pari, billi r-rapporti ta' monitoraġġ dwar il-kumpaniji jsiru disponibbli għall-pubbliku;
9. Huwa tal-fehma li l-identifikazzjoni tal-azzjonisti għandha tiġi ffaċilitata sabiex jitħeġġeġ id-djalogu bejn il-kumpaniji u l-azzjonisti tagħhom u jitnaqqas ir-riskju ta' abbuż marbut ma' "empty voting";
10. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tiżdied l-identifikazzjoni tal-azzjonist u jilqa' l-proposti tagħha fid-Direttiva dwar it-Trasparenza fuq din il-kwistjoni; jistieden lill-bqija tal-Istati Membri jagħtu d-dritt lill-emittenti li jkunu jafu l-azzjonisti domestiċi tagħhom;
11. Jemmen li kodiċijiet ta' Prattika jistgħu jwettqu bidla fl-imġiba u li l-flessibilità pprovduta mill-kodiċijiet tippermetti innovazzjoni bi spunt mill-aħjar Prattika minn madwar l-UE; jemmen li l-qsim tal-aħjar Prattika jtejjeb l-governanza korporattiva fl-UE;
12. Jemmen li l-kodiċijiet attwali għandhom jissaħħu u li hemm bżonn monitoraġġ aktar effikaċi tal-kodiċijiet u spjegazzjonijiet ta' kwalità aħjar; jenfasizza li l-azzjonisti (mhux biss dawk ta' maġġoranza iżda wkoll dawk ta' minoranza) għandhom jaqdu b'mod effikaċi r-rwol tagħhom fil-governanza ta' kumpaniji, li għandhom jikkontribwixxu aktar għall-governanza korporattiva responsabbli, u li għandhom jithegġgu wkoll jaħsbu fuq ir-riżultati finanzjarji fuq perjodu twil tal-kumpanija; jikkunsidra li, fost affarijiet oħra, l-azzjonisti għandu jkollhom id-dritt ma jilqgħux il-politika ta' rimunerazzjoni definita mill-kumitat ta' rimunerazzjoni waqt il-laqgħa ġenerali; jemmen li l-azzjonisti għandhom jinfurmaw lir-regolaturi meta kumpanija tipprovdri spjegazzjoni mhux aċċettabbli għalfejn tkun tbiegħdet minn kodiċi ta' Prattika;
13. Jinnota n-nuqqas ta' progress li sar sabiex tiżdied id-diversità bejn is-sessi fil-bordijiet tal-kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi lill-kumpaniji elenkati jiddekrivu fir-

rapport annwali tagħhom il-politika tagħhom dwar id-diversità, inkluż il-ġeneru, il-miri li stabbilixxew sabiex jimplementaw il-politika, u l-progress għall-kisba ta' dawn il-miri; jenfasizza li l-ġestjoni korporattiva u l-politiki ta' rimunerazzjoni jeħtiġilhom jikkonformaw ma' u jippromwovu l-prinċipju ta' trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel stabbilit mid-direttivi tal-UE;

14. Jirrikonoxxi li t-trasparenza hija neċessarja fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati u li tranżazzjonijiet sinifikanti li jinvolvu parti relatata għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità tar-reġistrazzjoni fil-Borża u jkunu akkumpanjati minn ittra mingħand konsulent indipendenti li tikkonferma li t-tranżazzjoni hija ġusta u raġonevoli, jew għandhom ikunu suġġetti għal votazzjoni mill-azzjonisti li teskludi lill-parti relatata; jipproponi li l-AETS tippubblika linji gwida dwar il-parametru referenzjarju adegwat fil-konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;
15. Jenfasizza li kumpanija mmexxija sew għandha tkun trasparenti u responsabbli lejn l-azzjonisti tagħha u fejn xieraq, lejn partijiet interessati oħra; jafferma mill-ġdid li diretturi ta' entitajiet korporattivi għandhom iqisu s-sostenibbiltà u l-interessi fuq perjodu twil waqt it-teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqsu r-riskji;
16. Jilqa' l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' tmexxija tajba ('Stewardship Codes') għal investituri istituzzjonali minn madwar l-Unjoni Ewropea; jemmen li kodiċi ta' tmexxija tajba Ewropew jista' jkun żviluppat billi jintużaw mudelli eżistenti u b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali;
17. Jinnota li fis-suq hemm nuqqas ta' mira ċara fuq perjodu twil u jħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha sabiex tivvaluta jekk xi rekwiżiti, bi żvista, komplewx iqawwu l-enfasi fuq perjodu qasir; b'mod partikulari jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tabbanduna r-rekwiżit ta' rapport kull tliet xhur fid-Direttiva dwar it-Trasparenza, rekwiżit li ftiit li xejn ikattar l-għarfien tal-azzjonista u sempliċiment joħloq opportunitajiet ta' kummerċ fuq perjodu qasir;
18. Jenfasizza l-ħtieġa li membri tal-bord tal-kumpanija jintgħażlu abbażi ta' sett wiesa' ta' kriterji, inklużi esperjenza u kwalifiki rilevanti;
19. Jenfasizza li huwa kruċjali li jiġi żgurat li diretturi mhux eżekuttivi jiddedikaw biżżejjed ħin għall-monitoraġġ u s-sorveljanza ta' kumpaniji partikulari, u li n-numru ta' mandati li direttur mhux eżekuttiv jista' jkollu għandu għalhekk iqis l-iskala u l-komplessità tan-negozju u r-responsabbiltajiet żejda assoċjati ma' karigi ta' presidenza, u għaldaqstant ikun limitat;
20. Jenfasizza l-ħtieġa li r-rwoli ta' CEO u president ikunu separati u li r-rwoli għandhom jingħaqdu flimkien f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss;
21. Jitlob perjodu ta' distakk obligatorju għal diretturi eżekuttivi li jixtiequ jokkupaw funzjonijiet mhux eżekuttivi fl-istess kumpanija, biex jiġi żgurat li s-superviżjoni minn membri mhux eżekuttivi tkun indipendenti kif xieraq;
22. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li kumpaniji elenkati għandhom jiżvelaw il-politika ta' rimunerazzjoni, ir-rimunerazzjoni ta' diretturi individwali u r-riżultati tal-voti

tal-azzjonisti dwar ir-rimunerazzjoni, u jappoġġja l-iżvelar mandatorju tar-rimunerazzjoni individwali ta' diretturi eżekuttivi u mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati;

23. Isostni, li filwaqt li r-riskju spiss huwa parti inerenti tal-attività ta' kummerċ, huwa importanti għall-bordijiet tad-diretturi li jiddefinixxu b'mod ċar il-politika tal-kumpanija tagħhom dwar ir-riskju u jiżguraw superviżjoni xierqa u indipendenti tal-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju;
24. Jinnota d-diversi benefiċċji ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati, inklużi ż-żieda fil-produttività u l-impenn tal-ħaddiema fil-kumpanija tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri sabiex testendi u tinkoraġġixxi s-sjieda ta' ishma għall-impjegati.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.12.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 26 -: 5 0: 12
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Gunnar Hökmark, Syed Kamall, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Ivare Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sophie Auconie, Elena Băsescu, Pervenche Berès, Saïd El Khadraoui, Ashley Fox, Danuta Maria Hübner, Sophia in 't Veld, Thomas Mann

7.12.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJJIET SOĊJALI**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej  
(2011/2181(INI))

Rapporteur: Ole Christensen

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja l-importanza li jinholq settur korporattiv fl-UE li jkun aktar trasparenti, stabbli, affidabbli u responsabbli, b'governanza korporattiva mtejbja; iqis li s-settur korporattiv għandu jkun kapaċi jikkunsidra tħassib soċjali, etiku u ambjentali fil-prattiki tiegħu u juri r-responsabilitajiet tiegħu kemm lejn l-impjegati u l-azzjonisti kif ukoll lejn is-soċjetà kollha, u barra minn hekk jiżgura prestazzjoni ekonomika aħjar u l-ħolqien ta' impjiegi diċenti;
2. Madankollu huwa tal-fehma li governanza tajba waħidha ma tistax tevita t-teħid ta' riskji eċċessivi; jitlob għalhekk li jsir awditjar indipendenti u li jkun hemm regoli flessibbli li jirrispettaw il-kulturi korporattivi differenti fl-UE;
3. Iqis, li fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, jistgħu jittieħdu lezzjonijiet mill-fallimenti prinċipali fid-dinja kummerċjali;
4. Jirrimarka li l-għan ta' qafas ta' governanza korporattiva huwa li joħloq u jiżgura ambjent kummerċjali sod fejn ir-responsabilità u r-rispett għax-xogħol ikunu f'ekwilibriju ma' żvilupp sod tal-kumpaniji li joħolqu aktar impjiegi u li jwasslu għal stabilità ekonomika u soċjali;
5. Jirrimarka li governanza korporattiva għandha, fost affarijiet oħra, tiffaċilita r-relazzjonijiet mad-diversi partijiet interessati ta' kumpanija, bħal pereżempju mal-impjegati tagħha, li jikkontribwixxu għas-suċċess u l-prestazzjoni tal-kumpanija tagħhom, u li fl-istess ħin jiddependu minnhom; għalhekk ifakkar l-importanza ta' djalogu regolari u

involvement tal-impjegati fil-kwistjonijiet ta' kumpanija li jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' kodeterminazzjoni f'governanza korporattiva, kif definit fid-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej<sup>1</sup>, u jinsab diżappuntat li dan l-aspett huwa sottovalutat fil-Green Paper;

6. Iqis li għandha titħeġġeġ aktar id-definizzjoni ta' governanza korporattiva tal-OECD tal-2004, li skont din, governanza korporattiva tinvolvi l-ġabra sħiħa ta' relazzjonijiet bejn it-tmexxija tal-kumpanija, il-bord tagħha, l-azzjonisti tagħha u partijiet interessati oħra;
7. Jissottolinja li r-regolamentazzjoni effikaċi tal-governanza korporattiva għandha tkun ibbażata fuq prinċipji bħaċ-ċarezza, l-armonizzazzjoni, it-trasparenza, l-infurzar u s-sanzjonijiet, fuq il-funzjonament effikaċi tal-bord tad-diretturi, fuq l-impenn adegwat tal-azzjonisti u fuq il-monitoraġġ u l-infurzar effiċjenti tal-kodiċijiet ta' governanza korporattiva;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jinkiseb funzjonament aħjar tar-regoli u tar-rakkomandazzjonijiet ta' governanza eżistenti kif ukoll li tinkiseb il-konformità magħhom, aktar milli jiġu imposti regoli vinkolanti ta' governanza korporattiva Ewropea;
9. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kull proposta leġiżlattiva li tqis dwar il-governanza korporattiva għal valutazzjoni tal-impatt li għandha tiffoka kemm fuq l-għanijiet li jridu jinkisbu kif ukoll fuq il-ħtieġa li l-kumpaniji jibqgħu kompetittivi;
10. Jappoġġja sistema differenzjata u proporzjonata għall-kumpaniji żgħar u medji elenkati;
11. Iqis li minħabba d-diversità konsiderevoli tal-kumpaniji fl-Ewropa u b'mod partikolari d-differenza bejn il-kumpaniji elenkati u dawk mhux elenkati "l-approċċ uniku għal kulħadd" ma jgħinx;
12. Jinsab konvint li l-kodiċijiet ta' imġiba volontarji huma l-aktar mezz effiċjenti biex tinkiseb governanza korporattiva tajba;
13. Iqis li l-inizjattivi dwar il-governanza korporattiva għandhom jimxu id f'id mal-inizjattivi dwar ir-responsabilità soċjali korporattiva proposti mill-Kummissjoni; Huwa tal-fehma li, b'mod partikolari fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-lum, ir-responsabilità korporattiva soċjali tista', flimkien mal-governanza korporattiva, tgħin biex toħloq rabtiet eqreb bejn il-kumpaniji u l-ambjent soċjali li fih jikbru u jaħdmu;
14. Iqis li l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati fit-teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-liġi Ewropea u nazzjonali, għandhom jitħeġġu u jissaħħu, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil SMEs; jemmen li livell akbar ta' parteċipazzjoni jista' jintuża bħala għodda ta' motivazzjoni għall-impjegati u li l-għarfien privileġġat tagħhom dwar il-proċeduri interni tal-kumpanija jista' jippermetti lir-rappreżentanti tal-impjegati biex jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-diversità u l-kwalità fil-bordijiet ta' superviżjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sostenibilità fit-tul tal-istrateġiji korporattivi;
15. Jitlob li jkun hemm diversità akbar inkluża d-diversità bejn is-sessi u komplimentarità ta'

---

<sup>1</sup> Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound).

ħiliet individwali, kompetenza u esperjenza fil-bordijiet u fl-istrutturi ta' superviżjoni u tmexxija, sabiex jittieħed benefiċċju minn opinjonijiet differenti, dibattiti u sfidi, kapaċitajiet u stili ta' tmexxija fl-ogħla pożizzjonijiet tal-kumpaniji;

16. Jenfasizza l-importanza ta' rappreżentazzjoni femminili akbar fil-bordijiet tal-kumpaniji u fil-pożizzjonijiet għolja oħra, kif ipprovdut fil-Karta tal-Kummissjoni dwar in-Nisa; jinnota li l-Istati Membri u l-kumpaniji hađu diversi miżuri biex iżidu r-rappreżentazzjoni tan-nisa f'bordijiet korporattivi, inklużi kwoti tas-sessi; madankollu jenfasizza li apparti prattiki eżistenti, hemm ukoll bżonn ta' miżuri ta' diversità, miżuri li jikkontribwixxu għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u gwida dwar il-karrieri interni; ihegġegħ lill-kumpaniji jiffirmaw l-"Impenn għan-Nisa fuq il-Bordijiet għall-Ewropa", imniedi mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2010, u jilħqu l-miri tiegħu;
17. Iqis li hemm bżonn ta' trasparenza akbar fil-proċess ta' rekrutagħ ta' eżekuttivi ta' livell għoli, u jirrimarka li l-profilu tal-membri, esperjenzi ta' tmexxija differenti, sfondi professjonali internazzjonali, nazzjonali jew reġjonali jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' funzjonalità effikaċi tal-bord tad-diretturi;
18. Huwa tal-fehma li hija r-responsabilità tal-membri tal-bord tat-tmexxija u ta' superviżjoni li jagħmlu użu mit-taħriġ u mit-taħriġ ulterjuri meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, bl-għajjnuna mill-kumpanija, kif ikun meħtieġ;
19. Jemmen li huwa importanti li jkun żgurat li l-azzjonisti kollha jiġu trattati b'mod ekwu u ġust, peress li l-protezzjoni tal-azzjonisti minoritarji hija kkumplikata ħafna fl-Ewropa, u dawn tal-aħħar isibuha diffiċli li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom f'kumpaniji b'azzjonisti dominanti;
20. Jitlob li jkun hemm politiki sostenibbli ta' remunerazzjoni fit-tul li għandhom ikunu bbażati fuq il-funzjonament fit-tul tal-individwu u l-kumpanija tiegħu; huwa tal-opinjoni li l-inklużjoni tal-opzjonijiet fuq l-ishma bħala parti minn skemi ta' remunerazzjoni għandha tkun minimizzata; jappoġġa, madankollu, il-promozzjoni ta' skemi għas-sjieda tal-ishma tal-impjegati volontarji, ivvalutati bir-reqqa sabiex jiġi evitat esponiment għar-riskji minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni għall-impjegati, u miftuħa għall-impjegati kollha f'kumpanija; iqis li s-sjieda tal-ishma tal-impjegati għandha tippermetti lill-impjegati biex ikollhom sehem fil-profitti, iżda fl-ebda ċirkustanza, ma jistgħu jieħdu post il-pagi jew is-salarji tagħhom jew ifixklu n-negozjar kollettiv;
21. Jappoġġa l-inklużjoni ta' elementi ta' sostenibilità fit-tul fir-rimunerazzjoni varjabbli tal-manigġers, bħall-użu ta' persentaġġ tar-rimunerazzjoni varjabbli tagħhom li jkun dipendenti fuq il-kisba tal-miri tar-responsabilità korporattiva soċjali bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, is-sodisfazzjon tal-impjegati, eċċ;
22. Jappoġġa b'mod sħiħ u obligatorju:
  - żvelar annwali tal-politiki u l-iskemi ta' remunerazzjoni eżekuttivi u tal-profilu ta' riskji tal-kumpaniji;
  - evalwazzjoni esterna tal-bordijiet u tal-kumitati ta' tmexxija ta' kumpaniji elenkati, li jridu jsiru tal-anqas kull tliet snin, flimkien ma' evalwazzjoni (annwali) imwettqa mill-



bord innifsu bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni<sup>1</sup>;

- żvelar tal-attivitajiet tan-negożju tal-membri kollha tal-bord, inklużi l-karigi kollha fuq bordijiet oħra;
- żvelar tal-paragun skont is-sess tal-livelli tal-pagi;

23. Jemmen li hemm bżonn li jittieħdu passi għat-titjib tat-trasparenza fil-governanza korporattiva u fir-reġim għal żvelar mhux finanzjarju; iqis li dawn għandhom ikunu proporzjonali mad-daqs tal-kumpanija u ma għandhomx joħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-SMEs bħala sors ewlieni ta' impjiegi fl-UE;

24. Huwa tal-fehma li l-kumpaniji li ma jikkonformawx mal-kodiċijiet ta' governanza korporattiva għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu spjegazzjonijiet dettaljati ta' tali deċiżjonijiet fuq bażi ta' "konformità jew spjegazzjoni", kif ukoll li jispjegaw is-soluzzjonijiet alternattivi li adottaw; iqis li tali approċċ ta' "konformità jew spjegazzjoni" jista' jibbenefika l-aktar minn sistema ta' monitoraġġ li tagħti prijorità lit-trasparenza u lill-informazzjoni affidabbli ta' kwalità għolja;

---

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/162/KE tal-15 ta' Frar 2005 dwar ir-rwol ta' diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji ta' kumpaniji kkwotati fil-borża u dwar il-kumitati tal-bord (superviżorju), ĠU L 52, 25.2.2005, p. 51.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.12.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 37 -: 0 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Philippe Boulland, Milan Cabrnock, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Sergio Gaetano Cofferati, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Julie Girling, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Jean Lambert, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Traian Ungureanu, Andrea Zaroni
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Sergio Gutiérrez Prieto, Gesine Meissner, Ria Oomen-Ruijten, Evelyn Regner, Csaba Sógor, Emilie Turunen, Gabriele Zimmer
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Phil Prendergast

21.12.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej  
(2011/2181(INI))

Rapporteur: Lena Kolarska-Bobińska

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni, iżda jisħaq li l-qafas rivedut għandu jiġi sostnut minn għodod effiċjenti ta' implimentazzjoni u miżuri konkreti kif ukoll supervizzjoni msaħħa fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jiġi evitat ir-riskju li l-bordijiet jadottawh formalment biss; jemmen li l-qafas rivedut irid iqis ukoll li l-liġi tal-kumpaniji fl-Istati Membri għandha l-oriġini tagħha fi tradizzjonijiet u prinċipji ġudizzjarji differenti u li dawn id-differenzi għandhom jiġu rispettati filwaqt li ssir ħidma lejn mudell minimu ta' governanza korporattiva fl-UE li jippermetti, fost affarijiet oħra, perspettiva fuq żmien itwal għall-involvement tal-impjegati fil-bordijiet tal-kumpaniji;
2. Jemmen li l-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu:
  - Miżuri biex iżidu r-responsabilità tal-membri individwali tal-bordijiet u l-kumpaniji, inkluż, possibbilment, sistemi nazzjonali ta' sanzjonijiet bil-modi u l-mezzi li huma xierqa għat-tradizzjonijiet ġudizzjarji differenti,
  - Konferenza annwali tal-presidenti tal-bordijiet korporattivi, inkluż premju għal governanza tajba,
  - Obbligu li l-membri tal-bord għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibilità formali u ta' għarfien u li l-pożizzjonijiet vakanti fil-bord għandhom jiġu ppubblikati,
  - Miżuri dwar l-iżvelar pubbliku ta' attivitajiet "griżi", kunflitti ta' interess u

kummerċ reċiproku bejn kumpaniji prinċipali u dawk sussidjarji,

- Rapport annwali tal-Kummissjoni li "jsemmi u jwaqqa' fl-għajb" lill-bordijiet li jonqsu milli japplikaw il-governanza korporattiva (GK);
3. Filwaqt li jilqa' l-ftehimiet volontarji tal-industrija dwar il-prinċipju 'ikkonforma jew spjega' u filwaqt li jinkuraġġixxi l-ilħuq ta' aktar ftehimiet ta' dan it-tip fil-livell tal-UE, jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja wasslet għal dubji dwar l-effettività tagħhom; jemmen li l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-użu tal-klawsoli 'ikkonforma jew spjega' u sa fejn dawn il-klawsoli jew klawsoli alternattivi għandhom jiġu inklużi fi kwalunkwe qafas tal-UE f'kapaċità volontarja jew obligatorja;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu d-daqs u l-introjt tal-kumpaniji tal-UE, filwaqt li jistabbilixxu miżuri ta' governanza korporattiva sabiex ma jfjixklux il-ġestjoni effettiva tal-SMEs;
  5. Jisħaq li huwa assolutament neċessarju li l-funzjonijiet tas-CEO u tal-President tal-Bord jiġu definiti u maqsuma, tal-anqas fil-każ ta' impriżi b'aktar minn 50 impjegat u b'introjt ta' aktar minn EUR 1 miljun;
  6. Jappoġġa r-rekwiżit tal-iżvelar pubbliku tal-politiki favur id-diversità u jappella għal miżuri konkreti biex tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa fil-bordijiet, idealment permezz ta' strumenti legali mhux vinkolanti; jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' miżuri xierqa bħall-arranġamenti għall-kura tat-tfal biex id-diversità tal-ġeneru tkun realtà;
  7. Filwaqt li jirrispetta li hija l-kompetenza tal-laqgħa annwali tal-azzjonisti ta' kumpanija li taħtar il-membri tal-bord, jemmen li l-għadd ta' siġġijiet fuq il-bord okkupati minn membri tal-bordijiet f'kumpaniji differenti fl-istess waqt għandu jkun limitat u li l-inklużjoni ta' 'diretturi griżi' għandha tiġi gradwalment eliminata;
  8. Jappoġġa l-adozzjoni, qabel ma bord jerġa' jiġi elett, ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar il-prestazzjoni tiegħu, li għandu jingħata lill-azzjonisti;
  9. Jemmen li l-ġestjoni tar-riskji għandha tkun fiċ-ċentru tal-GK u li din għandha titniżżel bħala responsabilità maġġuri tad-direttur u tal-bord; jemmen li l-ġestjoni tar-riskju għandha tkopri wkoll riskji mhux finanzjarji bħal fil-qasam tal-ħsara ambjentali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
  10. Jemmen li l-bordijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jikkumbattu t-tifrix tal-perspettiva għal żmien qasir fil-GK, partikolarment fir-rigward tat-tfassil tal-kuntratti għall-ġestjoni tal-assi;
  11. Huwa ferm favur mekkaniżmu Ewropew li jgħin lill-emittenti jidentifikaw lill-azzjonisti tagħhom sabiex jiffaċilitaw id-djalogu rigward kwistjonijiet tal-GK u jeskludi l-possibbiltà ta' abbużi tal-empty voting; jemmen li l-azzjonisti għandu jkollhom rwol ċentrali fil-governanza tal-kumpaniji u jikkontribwixxu b'mod aktar attiv għal governanza korporattiva responsabbli;
  12. Huwa favur li tinholq aktar protezzjoni għall-azzjonijiet minoritarji, filwaqt li jiġu

inklużi miżuri biex jiġu evitati l-abbużi u jinkoraġġixxu lill-azzjonisti jiffukaw fuq ir-  
riżultati finanzjarji fit-tul tal-kumpanija tagħhom;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.12.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 39 -: 4 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Ioan Enciu, Vicky Ford, Adam Gierek, Fiona Hall, Jacky Hénin, Kent Johansson, Romana Jordan Cizelj, Krišjānis Kariņš, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Jaroslav Paška, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Michael Theurer, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Reinhard Bütikofer, António Fernando Correia De Campos, Francesco De Angelis, Andrzej Grzyb, Seán Kelly, Werner Langen, Vladimír Remek

24.1.2012

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar Qafas ta' Governanza Korporattiva għall-kumpaniji Ewropej  
(2011/2181(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Constance Le Grip

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-fehma li l-governanza korporattiva effettiva għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli u għar-responsabilità soċjali fis-suq intern u għandha tkun orjentata lejn il-kompetittività u lejn strateġiji ta' investiment fit-tul;
2. Huwa tal-fehma, hekk kif huwa enfasizzat ukoll mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku"<sup>1</sup>, li huwa ferm importanti li l-intrapriżi Ewropej juru l-akbar responsabbiltà mhux biss fir-rigward tal-impjegati u l-azzjonisti tagħhom iżda wkoll tas-soċjetà b'mod ġenerali;
3. Jitlob lill-komunità tan-negozji tiegħu r-responsabilità konġunta tagħha u ssaħħa l-impenn tagħha fil-promozzjoni ta' konsum sostenibbli bħala parti integrali tal-istrateġija tal-kumpaniji;
4. Jistieden lill-kumpaniji u lill-azzjonisti biex isaħħu d-diversità tal-bordijiet amministrattivi tal-kumpaniji f'dak li huwa sfond professjonali, soċjali u kulturali, bil-għan li jiġu stimulat dibattitu u biex jinbtu ideat ġodda; jenfasizza li d-diversità hija vantaġġ għat-tehdid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar rappreżentattiv f'pożizzjonijiet mexxejja tal-kumpaniji;
5. Jenfasizza li huwa importanti li l-involvement tal-azzjonisti jiġi kkapitalizzat bil-għan li jiġu promossi strateġiji fit-tul ta' investiment u jiġi evitat li jkun hemm azzjonijiet mhux

---

<sup>1</sup> COM(2010)0608.

xierqa fuq żmien qasir fost l-investituri li kultant jipperikolaw il-ħajja dejjiema tal-kumpaniji kkonċernati u, għaldaqstant, b'konsegwenza, lill-azzjonisti żgħar, l-impjegati u l-konsumaturi;

6. Jirrakomanda li l-Istati Membri jissorveljaw jekk il-kumpaniji jagħtux dikjarazzjonijiet xierqa tal-governanza korporattiva lill-azzjonisti tagħhom sabiex jiżguraw trasparenza sħiħa u jtejbu l-għarfien tal-azzjonisti dwar il-prattiki tal-governanza tajba, biex b'hekk jgħinu jipproteġu lill-azzjonisti u ċ-ċittadini mit-teħid ta' riskju eċċessiv u minn viżjoni fuq terminu qasir;
7. Iqis li huwa importanti li jissaħħaħ l-involviment tal-impjegati fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-kumpaniji, pereżempju permezz ta' skemi li jwassluhom isiru azzjonisti, bil-għan li jsaħħu l-motivazzjoni u l-koeżjoni fi ħdan il-kumpaniji;
8. Jenfasizza b'insistenza li l-ġestjoni tal-kumpanija u l-politiki ta' rimunerazzjoni għandhom ikunu fis-sod u responsabbli u għandhom jirrispettaw il-prinċipji tar-rimunerazzjoni ndaq u tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa, skont id-dispożizzjonijiet Ewropej fis-seħħ; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri bil-għan li tiġi ggarantita rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa fil-bordijiet amministrattivi, sabiex tinkiseb rappreżentanza ta' mill-inqas 40% ta' kull sess sal-2020;
9. Jipproponi li miżuri għal rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa fil-bordijiet amministrattivi li jistgħu jittieħdu ikunu jinkludu l-ħtieġa għall-komitati tan-nomina li jiddikjaraw, mal-preżentazzjoni tal-proposti tagħhom, liema sforzi għamlu biex jissodisfaw dan l-għan, it-tiegħ ta' sistemi ta' paragon bejn il-pari għall-bordijiet amministrattivi privati u pubbliċi, it-tħarriġ tal-komitati tan-nomina, il-ħolqien ta' rosters ta' kandidati nisa kompetenti u l-inkoraġġiment ta' proċessi ta' rekrutaġġ miftuħa minflok appuntamenti mhux trasparenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi l-kumpaniji kkwotati li fir-rapporti annwali tagħhom jiddeskrivu l-politika tagħhom dwar id-diversità, inkluż is-sess, l-objettivi li stabbilixxew għall-implimentazzjoni tal-politika, u l-progress li sar sabiex jinkisbu dawn l-objettivi; jenfasizza li l-ġestjoni korporattiva u l-politiki ta' rimunerazzjoni jeħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju ta' trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel stabbilit mid-direttivi tal-UE u fl-istess ħin jipromwovuh;
10. Jenfasizza li r-rwol tal-azzjonisti fl-istabbiliment ta' politika ta' rimunerazzjoni għad-diretturi għandu jissaħħaħ ;
11. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-votazzjoni tal-azzjonisti transkonfinali bħala mezz kif tneħħi l-ostakli għall-kooperazzjoni tal-azzjonisti fis-suq intern, sakemm dan isir b'mod trasparenti u sigur;
12. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-kumpaniji għandhom jiżvelaw il-politika ta' rimunerazzjoni tagħhom u r-riżultat tal-voti tal-azzjonisti dwar ir-rimunerazzjoni, u jistabbilixxu komitati indipendenti dwar ir-rimunerazzjoni;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti proporzjonati dwar linji gwida fil-livell Ewropew dwar in-natura tal-informazzjoni mqasma lill-azzjonisti fir-rapporti annwali tal-kumpaniji; iqis li din l-informazzjoni għandha tkun ta' kwalità għolja u informattiva;



14. Jitlob lill-Kummissjoni tadatta miżuri tajba dwar il-governanza korporattiva għall-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tal-SMEs, minħabba r-riżorsi limitati tagħhom, partikolarment fl-oqsma tal-amministrazzjoni u r-riżorsi umani.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Cornelis de Jong, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Mikael Gustafsson, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Simon Busuttil, Ashley Fox, Marielle Gallo, Ildikó Gáll-Pelcz, Anna Hedh, Konstantinos Poupakis, Olle Schmidt

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	1.3.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 14 -: 9 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Piotr Borys, Cristian Silviu Buşoi, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, Dagmar Roth-Behrendt
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Oreste Rossi, Jacek Włosowicz